# IL-BANJIJIET TA' L-GĦAWM

Arthur Grima

Il-baħar ta' madwar il-gżira tagħna huwa sfog għal ħafna mill-Maltin, kemm għal min iħobb jistad minn fuq l-art jew il-fregatina, kif ukoll għal dawk kollha li fix-xhur sħan tas-sajf imorru biex jgħumu. Minħabba li l-baħar huwa daqshekk frekwentat u qrib tagħna, bilfors jidhol fil-folklor u drawwiet tagħna.

Jekk inħarsu lura xi sittin sena ilu, nistgħu inġibu quddiem għajnejna lil dawk in-nies li kienu jmorru jiffriskaw xi ftit ma' xatt il-baħar jew biex jgħumu. Dak iż-żmien ma kontx tara malji mqaċċtin bħal ta' issa. Meta kont tara xi mara fil-baħar, kważi kont taħseb li waqgħet il-baħar, għax kienet tkun bil-ħwejjeġ b'kollox. Dari in-nies kienu aktar skruplużi. Barra minn hekk, kien hemm oħrajn, li jew għax jistħu, jew għax ma kienux jafu jgħumu, kienu jużaw il-banjijiet ta' ħdejn il-baħar.

Dawn il-banjijiet kienu speċi ta' ħwat kbar maqtugħin fil-blat ma' xatt il-baħar. Wieħed jista' jara minnhom, per eżempju, f'Birżebbuġa int u sejjer lejkn il-Qajjenza. Dawn il-banjijiet kienu jħaffruhom bil-baqqun proprju max-xifer tal-baħar. Minn wieħed għall-ieħor tisata' tgħid li kienu jkunu l-istess qisien, ta' xi tmienja jew għaxar piedi kwadrati, u b'fond ta' xi tliet piedi. Biex wieħed ikun jista' jinżel fil-banju, kienu jinqatgħu xi żewġ tarġiet fil-blat ġo waħda mir-rokon. Fil-erba kantunieri tal-banju, kienu jħaffru toqba biex fiha jidħol saratizz. u b'hekk il-banju jkun jista' jiddawwar bil-ħsajjar jew lożor. Dawn il-ħsajjar jew lożor kienu jservu żewġ skopijiet; jew biex min ma jridx jidher jista' jinħeba warajhom, jew biex jilqgħu il-qilla tax-xemx.

Mill-banju għall baħar, kienet titħaffer trinka dejqa jew tnejn biex l-ilma jista' jidħol u joħroġ u jiċċirkola, u b'hekk tal-banju qatt ma jkun qiegħed. Għalkemm dawk li jgħumu fil-banju mgħotti kienu mistura, xorta kienu jilbsu malji daqsiex. Ħafna minn dawn li kienu jużaw dawn il-banjijiet kienu jkunu sinjuri, u x'aktarx li kienu jħaffru dawn il-banjijiet qrib fejn kien ikollhom id-dar tas-sajf jew tal-villeġġatura, kif huma dawk ta' Birżebbuġa.

F'"Rajt Malta Tinbidel" Herbert Ganado, isemmi li Marsamxett kienhemm banjijiet li jsejħulhom "Tas-Sur Tankred". Dawn kienu jikruhom biex dawk li ma kienx ikollhom il-banju tagħhom, kienu jkunu jistagħu jużawhom għal xi siegħa jew tnejn.

Ħasra li minħabba l-iskuża tal-progress sofrew dawn il-banjijiet, bħal ta' Pretty Bay f'Birżebbuġa. Għalkemm illum ma tarax min ifittix il-banjijiet, ta' min jagħmel mezz iħarishom bħala parti mill-wirt folkloristiku u storiku tagħna.

---

Bejn paġna 76 u 77, ritratti ta' banjijiet:-

Banjijiet, Fond Għadir, Tas-Sliema (Ritratti G. l^nfranco)

bejn pagna 76 u pagna 77